KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 14

L-erbatax il-laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 17 ta' Jannar 2013 fit-18.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier (Daħlet fis-18 :28) |
| | John Pillow | Kunsillier (Daħal fis-18 :25) |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUZATI** | Mary Camilleri | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier M. Briguglio ressaq emmenda f'punt 2.2 fejn informa li l-ħajt imsemmi mhux ta' Simon's Pub iżda għandu jiinqara 'ex *Cheer's Pub'*.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 7.21 u 7.23 fejn il-Kunsill sema' il-problema dwar is-serq u ppropona li wara l-kelma 'problema' għanda tiżdied il-frażi 'jiżdied is-serq fuq l-anzjani'.

1.3 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tas-seduta 13_6_12_2012 hekk kif *Approvazzjoni tal-minuti*

korretti . Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera preżenti. *13_6_12_2012*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow għas-seduta fis-18:25.*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 2.1 tal-aħħar seduta dwar il-*bridge* ta' Manwel Dimech fejn ġie innotat li l-pulizija qalu li dan jaqa taħt l-Għassa ta' San Giljan. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li Transport Malta bagħtu lill-Kunsill biex nagħmlu manutenzjoni aħna. Qal ukoll li l-perit tal-MRRA għamel spezzjoni tal-ħajt u qalu li se jibdew manutenzjoni min-naħa ta' fuq. Kien hemm qbil li jitpoġġew railings fuq iż-żewġ naħat bħala protezzjoni temporanja. Ġie nnotat ukoll li t-tabelli min-naħa tal-Kunsill twaħħlu. *Bridge fi Triq Manwel Dimech*

*Daħlet il-Kunsillier Antoinette Castaldi Paris fis-18:28*

2.2 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal punt 2.4 tal-aħħar seduta u saqsa f'hiex waslet l-*bye-law* dwar BBQs u qal li jixtieq li sas-Sajf tkun ġiet implimentata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-*draft* huwa lest imma hemm bżonn il-Kunsillier Busietta jaraħ mill-att legali. *Bye Laws – BBQ*

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal punt 2.6 dwar il-problema tal-hamiem. Il-Kunsill ġie infurmat li kull gaġġa tiswa viċin Ewro 110. Kien hemm qbil li jinxtraw erbgħa gaġġeġ. *Problema tal-ħamiem*

2.4 Is-Sindku irrefera għal punt 2.10 ta' l-aħħar seduta dwar l-appell li qiegħed issir dwar it-tender tal-knis tat-toroq. Is-Sindku qal li forsi nistgħu naslu f'arranġament ma' min konna qegħdin naħdmu qabel, voldieri, mal-*Cleansing Department*. Is-Sindku informa li għada hemm laqgħa u talab għal kunsens tal-Kunsill biex ikun jista jiftiehem mal-*Cleansing Services Department* sabiex il-Kunsill ikun jista jtejeb il-livell ta' tindif billi iżid żewġ kenniesa. Dan ifisser li jiżdied l-ispiża ta' kull xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jaraw li s-servizz se jkun aħjar billi jkun hemm aktar ħaddiema. Il-Kunsilliera M. Aquilina u l-Kunsilliera M. Briguglio qalu li la darba dan ikun possibbli mill-att legali jaqblu. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan. *Tender dwar il-knis*

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal punt 2.11 ta' l-aħħar seduta dwar Latrini Pubbliċi . Il- Kunsill iddiskuta kif jista isir manutenzjoni fuq il-latrini publiċi u wara dan jinħareġ tender għas-servizz ta' manutenzjoni ta' tindif ta' tali latrini. M Briguglio fakkar sabiex jekk dan ix-xogħol isir, dawn iridu jkunu aċċessibli għal persuni b'diżabilta. P Radmilli qal illi dawn iridu jinbnew bil-ħsieb li jkunu jistgħu jitnaddfu b'mod faċli. Irid ikun hemm ukoll *nappy changers.* *Latrini Pubbliċi*

2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk it-tender tridx tinħareġ għall-erba latrini f'daqqa. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill irid jara ċ-ċifri qabel xejn. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li għal latrina tal-irġiel ikun hemm toilets apposta filwaqt li dik tan-nisa tkun area ikbar. Il-Kunsillier Radmilli żied jgħid li n-*nappy changers* għandhom ikunu fiż-żewġ latrini kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel. Kien hemm qbil dwar dan kollu fost il-Kunsilliera preżenti.

**Presenza ta' pulizija għal żmien il-Milied**

2.7 Is-Sindku irrefera għal punt 4.3 ta' l-aħħar seduta dwar il-preżenza tal-Pulizija tat-traffiku għal ġranet tal-Milied u informa li dan kien ta' suċċess għaliex it-traffiku mexa tajjeb.

**Jum Marittimu**

2.8 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar il-Jum Marittimu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-applikazzjoni ġiet estiża għal nofs Frar. Kien hemm qbil li għandu jsir programm dettaljat.

**Skema – Inizjattivi Speċjali**

2.9 Is-Sindku irrefera għal punt 7.2 dwar l-iskema ta' Inizjattivi Speċjali fejn il-Kunsill kien qabel li japlika għal fondi biex isiru bandli ġodda. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill qabel li jistaqsi għal stimi mil-perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn l-istimi ma kienux intbgħatu fil-ħin u sal-llum, għadu ma rċevihomx.

**Perit tal-Kunsill**

2.10 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-kwistjoni tal-perit ma tistax tibqa kif inhi għaliex anke biex jirrilaxxa l-garanziji bankarji tal-permessi tal-kuntratturi li jkunu lestew ix-xogħol, mhux qiegħed jagħmilhom fil-ħin. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-kuntratt fadalu sa nofs is-sena.

2.11 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk jistax issir arranġament biex il-kuntratt mal-perit jiġi itterminat min issa bi qbil bejn iż-żewġ partijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid jagħti tlett *default notices* f'xahar dwar in-nuqqasijiet biex ikun jista jiġi itterminat kuntratt. Iżda żied li jekk ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet, il-kuntratt jista jiġi itterminat. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Perit Vassallo biex jiġi itterminat il-kuntratt, biex b'hekk il-Kunsill ikun jista joħroġ kuntratt ġdid.

**Tibdil ta' ismijiet fit-toroq**

2.12 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal punt 7.11 ta' l-aħħar seduta dwar tibdil għall-ismijiet fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu kiteb.

**Kunfidenzjalita'**

2.13 Is-Sindku rrefera għal punt 7.12 ta' l-aħħar seduta meta l-Kunsill kien iddiskuta talba għal permess għall-estensjoni ta' bankina. Is-Sindku qal li ġie infurmat li kien hemm xi ħadd mill-membri tal-Kunsill li mar jitkellem dwar min kien qabel u ma qabilx mad-deċizjoni tal-Kunsill f'dar-rigward u dak li ġie diskuss fl-aħħar seduta. Is-Sindku fakkar li dak li jiġi deċiż mil-Kunsill irid jintrefa min kulħadd.

2.14 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal punt 7.18 dwar *Cat's Cafe* u qal li dawn mit-Tnejn se jkunu lesti.

**Ċumnija**

2.15 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar iċ-ċumnija li qegħda ddaħan fi Triq San Trofimu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kiteb lil MEPA.

**Skart Riċiklat**

2.16 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dwar l-iskart riċiklat fejn infurma li l-Green MT se jkomplu jestendu s-servizz sa l-aħħar ta' Frar. Il-Kunsill Lokali qabel li għandu jkun hemm erbgħa *requirements* kif ġej:

- Ġbir ta' skart bieb, bieb fis-sebgħa ta' filgħaxija, nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa
- Proviżjoni ta' *bring in sites* għal blokkok ta' appartamenti privati u *bring in sites* għal postijiet publiċi
- Offerta fuq *excess tonage u administration fees*
- Ġbir ta' skart riċiklat mill-bins ta' matul il-promenade.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li apparti dawn ir-*requirements*, l-iskemi iridu jikkompetu fuq skemi edukattivi u skemi innovattivi oħra biex jiżdied l-ġbir ta' skart riċiklat. Il-Kunsill qabel li dawn l-offerti għandhom jidħlu sa Frar ġo envelop magħluq u jinfetħu fil-publiku kif isir bit-tenders. Ma jista jkun hemm l-ebda tibdil fl-offerti wara li jinfetħu.

2.17 Is-Sindku qal li kien infurmat li qabel id-data tal-laqgħa tal-Kunsill kienet tiġi ppublikata f'gazzetta biex il-pubbliku jkun infurmat. Il-Kunsill għandu jara dwar dan.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow dwar il-kont tal-ARMS Ltd dwar id-*drinking fountain*. Ġie nnotat li l-amministrazzjoni diġa kienet kitbet lill-ARMS minħabba *leakage* li kien hemm, madandkollu il-Kunsill qabel li issa għandu jikteb lill-Ministeru għal konsiderazzjoni la darba tali talba ma kienetx aċċettata mill-ARMS.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow tkellem dwar il-pagament tal-fotografu Jean Marc Chappelle fejn għamel rimarki dwar l-attivita tac-*Charity Swim.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan kellu jkun mingħajr ħals u li jidher li l-Invoice inkitbet bi żball. Is-Segretarju ipproduċa email li turi dan. L-amministrazzjoni għandha titlob lil-fotografu biex jemenda l-invoice. Il-Kunsill qabel.

3.3 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti (mingħajr dak tal-ARMS). Il-Viċi Sindku issekondat. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO-KUMITATI

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Doc A dwar 'Type A' (Waste) u 'Type B' (Recycling). *Kumitat Offerti Publiċi - Litter Bins*

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-Bord tal-Evalwazzjoni. Fosthom, ġie innutat li Anton Żarb ġie skwalifikat peress illi l-offerta tiegħu ma kienetx skond l-kriterji mitluba fid-dokument tat-tender, u li l-ogħla offerta kienet ta' OK Ltd.

4.3 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-aħjar lil-Kunsill ikollu *sample* ta' bins li ġew *shortlisted* mill-Bord. Kien hemm qbil dwar dan.

4.4 Il-Kunsillier P. Radmilli issuġerixxa li ma nixtrux *bins* tal-*Mixed Waste* u minflok nixtru biss bins tal-iskart riċiklabbli u li jkun maqsum f'tal-plastic, karta u skart imħallat. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxa li filkaż inħallu ftit mill-bins tal-iskart milli diġa hemm għax jibża li mhux ħa jkun hemm biżżejjed *bins* bins jilqa għall-iskart mħallat.

4.5 Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti li l-ewwel il-Kunsill jara s-*samples* u wara jkun jista jiddeċiedi dwar il-proposta tal-Kunsillier Radmilli. Il-Kunsillier Radmilli qal li f'dak il-każ fuq il-*bins* għandu jkun hemm miktub

'dry paper only'. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja wkoll jistax ikun hemm ukoll l-*ashtray* addizzjonali fuq dawn il-bins.

4.6 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jqabbad lil xi ħadd biex jieħu ħsieb li jnaddaf u jaħsel il-bins. Is-Segretarju fakkar li dan is-servizz ser ikun parti mit-tender il-ġdid tal-knis.

4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar it-tender ġdid tat-Tabelli u Sinjali tat-traffiku. Is-Sindku qal li mill-esperjenza tal-appelli, fuq prezz biss wieħed jista jirbaħ jew jitlef kawża. Ġie nnotat ukoll li jekk ikun hemm każ ta' xi ħadd qiegħed jipprova jinfluwenza fid-deċiżjoni għall-għażla, għandu jkun hu stess li jgħamel rapport lill-Pulizija. F'każ ta' servizz ħażin il-Kunsill irid joħroġ *default notice* bil-miktub inkella ma jkunx hemm provi li wieħed m'għamilx xogħlu kif suppost. *Tender – Tabelli u Sinjali*

4.8 Wara diskussjoni sħiħa l-Kunsilliera preżenti qablu li t-*tender* għandha tingħata lil-Koptasin peress illi dawn offrew l-aħjar preżżijiet u b'hekk, l-aħjar offerta.

4.9 Is-Sindku informa dwar il-proċess tar-*residential parking scheme* se jkun qiegħed jibda daqt u li dan se jinvolvi ħafna xogħol. *RPZ*

4.10 Il-Kunsillier P. Portelli tkellem dwar Triq il-Kulleġġ l-Antik ma' Triq Mrabat li din jew issir *one way* jew wieħed irid jara x'jagħmel minħabba l-konġestjoni ta' traffiku li qiegħed ikun hemm. *Triq il-Kulleġġ l-Antik*

4.11 Is-Sindku qal li diġa kellu komunikazzjoni dwar din l-area mas-Sindku ta' San Giljan minħabba li din hija *border line.* Filfatt għandu jerġa jiltaqa' miegħu biex jiddiskutu x'inhu l-aħjar li jsir.

4.12 Il-Kunsillier J. Pillow qal li Triq Annunzjata hija dejqa u ssuġġerixxa li Triq Santa Rita ssir *no entry.* *Triq Santa Rita*

4.13 Il-Kunsillier P. Radmilli iddiskuta li għandu jiġi organizzat meeting dwar dawn il-materji li jinqalgħu. Is-Sindku qal li ġieli tant l-affarijiet jinqalgħu malajr u jirrikkjedu deċiżjoni ta' malajr, li jkun aħjar li ċertu affarijiet jiġu solvuti skont il-każ.

4.14 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-Kumitat tal-Attivitajiet iddiskuta proposta għall-attivita għall-karnival. Proposta 1 – Banda ta' ħamsin ruħ li jdur madwar partijiet ta' Tas-Sliema għal tlett siegħat li tiġi tiswa Ewro 2000. Proposta 2 – Tlett sigħat ta' attivita organizzata min Leon Promotions u oħrajn ta' madwar tlett sigħat. Din l-attivita tinkludi ħafna żeffiena mlebsin tal-karnival u attrazzjonijiet oħra varji, fosthom *bouncy castle, magicians, clowns etc.* Il-post għal dan ma kienx deċiż f'dan l-istadju. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li ssir attivita *Option 2* nhar is-Sibt 9 ta' Frar 2013 bejn is-1pm u l-4pm. Il-Kunsill qabel li jgħamel madwar 2000 flyer ta' din l-attivita u li dawn jitqassmu fl-iskejjel. *Attivita għall-Karnival*

4.15 Il-Kunsillier P. Portelli ippropona li l-Kunsill għandu jippubblika *flyer* wieħed *Flyer għall-attivitajiet*

bl-attivitajiet kollha tas-sena.

4.16 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li għal din id-darba mhux se jiġi ppubblikat il-magazine kif ikun issoltu iżda se joħroġ biss wieħed ta' madwar sitt paġni fejn ikun indikat ix-xogħol li sar matul din is-sena mill-Kunsill b'għan li jingħata *exposure* bħala tim wieħed.

4.17 Il-Kunsillier P. Portelli informa li fi Frar se jkun hemm *launch* tal-*website* ġdida tal-Kunsill.

4.18 Il-Kunsillier P. Portelli ippropona li jkun hemm Ewro 600 budget għall-promozzjoni ta' din il-website *on line*. Kien hemm qbil dwar dan.

4.19 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk qadt sarx *Health and Safety Audit* fil-Librerija tagħna. Il-Kunsill għandu jara dan.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS

5.1 Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti għall-massimu tal-*performance bonus* għall-impjegati tal-Kunsill kollha, inkluż tas-Segretarju Eżekuttiv.

## 6. PROĠETTI INFRASTRUTTURALI GĦALL-ĠEJJIENI

6.1 Is-Sindku qal li importanti li l-Kunsill jaħdem fuq proġett ta' bandli ġodda, u li bandli minnhom ikunu specifikament għall-persuni b'diżabilita. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li f'dan il-każ il-Kunsill għandu jikkonsulta mal-NGO *Breaking Limits*. Il-Kunsill qabel li jkollu pjan lest għal taħt it-Torri u li jkollna studji u d-diżinji neċessarji.

6.2 Il-Kunsill qabel li dan isir ukoll għal Ġnien Indipendenza.

6.3 Il-Kunsillier J. Pillow talab li jiġu stallati cameras fi Ġnien Indipendenza meta jsir il-proġett il-ġdid.

6.4 Il-Kunsillier J. Pillow ippropona li l-Kunsill jerġa jibda jirristawra n-niċċeċ f'Tas-Sliema. Il-Kunsill jaqbel ma' dan pero minħabba li ż-żmien hu limitat se jkunu jidhru biss bħala proġetti maħsuba għal futur.

6.5 Il-Vici Sindku ipproponiet li jsiru *Nutrition Courses* nhar ta' Sibt. Kien hemm qbil dwar dan.

## 7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Ma kienx hemm aktar suġġerimenti.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar 2013 fis-6 ta' filgħaxija. Is-seduta intemmet fid-21.30.

Minuti approvati llum 21 ta' Frar 2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**